**MINUTI**
**KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA**
**IS-SEBA' KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 41**
***29 ta'Ottubru 2015 fl-4:30p.m.***

Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fl-4:30p.m.

**Preżenti:**

Sur Paul Azzopardi Sindku
Sur Domenic Zerafa Kunsillier
Sur Hubert Saliba Kunsillier
Sur George Zammit Kunsillier

**Uffiċjali:**

Sinjura Sue-Ellen Bugeja Segretarju Eżekuttiv

**Skuzata**

Sinjura Jeanelle Attard Kunsilliera

Intqghalet it-Talba

1. **Approvazzjoni tal-Minuti**

   Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 40 tqassmu qabel u ghalhekk gew approvati.

XEWKIJA

2. **Jum ix-Xewkija**

I-Kunsilliera prezenti qablu li jitqassmu tifkira ta' ringrazzjament lil Ministeru ghal Ghawdex, l-Hon Justyne Caruana, lil ex-Sindki kollha, u lil Ray Bondin tal-ghajnuna kontinwa taghhom,

Kien prezenti dan il-hin l-Arcipriet il-gdid rigward l-attivita' tal-posses tieghu. Hu gie jaghti l-istedina lil kunsill kollu. Il-Kunsill tkellem ma' l-Arcipriet rigward l-attivita'.

Il-Kunsill qabel li din is-sena l-iskola tax-Xewkija terggha tinghata kotba ghal librerija ta' l-iskola fl-amount ta' 300 euro.

3. **Mizura 313**

Il-Kunsill ircieva e-mail minghand *Advisor Specialist Advisory Services* rigward *clarifications on variations arising* fuq il-Progetti taht l-Mizura 313, is-Segretarja wriet lil Kunsilliera prezenti r-rapporti li kienu ghamlu l-periti tal-kunsill rigward dawn il-varjazzjonijiet. Il-Kunsilliera prezenti qablu fuq dawn il-varjazzjonijiet li kienu ga gew spjegati fuqhom fil-passat waqt diversi laqghat u kien hemm qbil fuqhom wara li anke saru diversi laqghat mal-periti tal-progetti fil-passat.

4. **Affarijiet Oħra**

Is-Sindku gibet l-attenzjoni li fuq il-Progett ta' Mgarr ix-Xini mhux ser ikun qed jitkompla mill-allokazzjoni tal-Kunsill izda meta jkun hemm fondi ta' xi applikazzjoni tal-EU jew skemi ohra. Hu issugerixxa ukoll li jintuza s-servizz tal-perit Edward Scerri.

Is-Sindku issugerixxa li jitqassam rigal zghir lil anzjani li ma johorgux mir-residenza taghhom. Il-Kunsill qabel fuq dan.

XEWKIJA

Il-kunsilliera qablu li din is-sena jerggha jsir it-tizjien tad-dawl tal-Milied fil-Pjazza San Gwann Battista.

Is-Sindku ssugerixxa li jitnehhew il-bring in sites li hemm fi Triq Widnet il-Bahar peress li qed jintrima kull tip ta' skart madwarhom, fosthom annimali mejtin. Il-Kunsillier Hubert Saliba qabel ma dan. Il-Kunsillier George Zammit ma qabilx ma dan peress li dejjem saret kampanja favur ir-riciklac. Gie ssugerit ukoll li jitqabbad xi tip ta' attendant, warden jew security. Il-Kunsill ghandu jara fuq dan.

Kien hemm qbil bejn il-kunsilliera prezenti li fl-area tal-playing field tal-Barmil issir dawl temporarju.

Is-Sindku gibet l-attenzjoni rigward il-bini tal-gvern li hemm fi Triq il-Helsien biex isir id-develozzjoni fuq il-Kunsill. Il-Kunsill ser jghaddi s-*site plan* li ghamel il-Perit lil avukata tal-kunsill halli tibda bil-proceduri mehtiega.

Is-Sindku ssugerixxa fuq talba tar-residenti li jitranga hajt tas-sejjieh li jinsab fl-area l-isfel mill-Gnien ta' Blankas biex jghaddu bl-ingenji taghhom. Il-Kunsill qabel li jsir manitenzzjoni fuq dan il-hajt bil-haddiema tal-kunsill.

.

5. **Korrispondanza: il-korrispondenza giet cirkulata u diskussa**

Mill-korrispondenza:-

‘

i. Ittra mingħand r-residenti ta' Triq Torri Tingi dwar ix-xoghlijiet li qed isiru f'din it-triq biex jinqaleb l-ilma tax-xita. Is-Sindku qal li peress li dan mhux xoghol minn naha tal-kunsill ser ikellem il-perit li inkarigat fuq ix-xoghol biex tinstab soluzzjoni qabel issir it-triq.
ii. Ittra mingħand resident fi Triq tas-Salib fejn talab biex it-triq tiġi iktar imdawla b'bozza ohra gdida. Il-Kunsill ser jara rigward dan.
iii. Korrispondenza mingħand il-Qorti tal-Magistrati Għawdex fuq protest Legali fl-area tal-MIP.
iv. Korrispondenza mingħand resident biex isir lampa ġdida fi Triq it-Taflija.Il-Kunsill ser jara fuq dan.
v. Memo 28/2015 dwar Proġetti ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropea.
vi. Korrispondenza mingħand il-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar laqgħa għas-Sindki u Viċi-Sindki.
vii. Korrispondenza mingħand il-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli l-Ambjent u t-tibdil fil-Klima dwar notifikazzjoni tat-tneħħija ta' siġar tal-Palm infettati.

viii. Ittra mingħand il-Ministeru Għal Għawdex dwar kors tal-Universita' tat-Tielet Eta' f'Għawdex. Il-Kunsill qabel li jintbghatu l-anzjani li huma interessati tax-Xewkija.
ix. Ittra mingħand l-Edukazzjoni u x-xogħol dwar il-Premju Frans Sammut.
x. Ittra mingħand Uffiċċju tal-Priministru dwar laqgħa 'Bureaucracy Meeting' li ġiet ipposponata.
xi. Ittra mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali dwar Laqgħa Plenarja għall-Kunsillieri ta' Malta u Għawdex.
xii. Ittra mingħand il-Greenpak dwar servizz ta' ġbir ta' ħwejjeġ.
xiii. Ittra mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-kompetizzjonijiet għall 'European Mobility Week'.
xiv. PQ numru 18441
xv. Ittra mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali dwar Cirkulari AKL 49/2015 – Forum Nazzjonali fuq l-Ilsien Malti.
xvi. Korrispondenza mingħand Onor Dr. Chris Said biex jiltaqa' mal-Kunsill Lokali tax-Xewkija.Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija iltaqa mieghu ftit qabel din il-laqgha.
xvii. Korrispondenza mingħand l-kumpanija Contracts & Account Manager fejn talbu għall-laqgħa fl-Uffiċċju tal-Kunsill.
xviii. Ittra mingħand Raymond Bondin dwar korrispondenza ta' Proposta partnersip bando Interreg.
xix. Ittra mingħand il-Maltese Olympic Committee dwar l-'Moc Sports Awards'.
xx. Ittra mingħand is-Sindku ta' San Lawrenz dwar attivitajiet tal-Milied.
xxi. Ittra mingħand Raymond Vella fuq l-Elezzjoni Ġenerali tal-FECC.
xxii. PQ 18439.
xxiii. Ittra mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar ittra ta kjarifika dwar ingaġġ ta' Ħaddiema fl-iskemi bħala Impjegati Regolari fil-Kumitati Reġjonali u l-Kunsilli Lokali.
xxiv. PQ 18438
xxv. Memo 28/2015 dwar Proġetti ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropea.
xxvi. Ittra mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar konsultazzjoni mal-kunsilli Lokali qabel jinhatru l-President tal-Kunsilli Skolastici.
xxvii. Memo 29/2015 dwar iżjed riżorsi umani fil-kumitati reġjonali u l-Kunsilli Lokali.
xxviii. PQ 18445.
xxix. Korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar 'Local-Sats project'.
xxx. Memo 26/2015 dwar Delega tal-Infurzar Lokali lill-Aġenzija L.E.S.A.
xxxi. PQ 19210
xxxii. Memo 27/2015- karifiki dwar Memo21/2015.
xxxiii. Ittra minghand id-Dipartiment ghal Gvern Lokali dwar Program Interreg Med

## 6. Kontijiet

Il-kunsill approva l-ħlasijiet kif jidher mill-iskeda annessa mal-minuti. Is-Sindku gibet l-informazzjoni li kien hemm kont pendenti ma' l-ARMS rigward water leakage fil-Latrina ta' Triq il-Hamrija. Il-board ma laqax it-talba tal-kunsill u sar ftehim mal-

ARMS biex jithallas instalment plan. Il-Kunsill ser ihallas amount kull xahar sa meta jithallas kollu.

7. **Kwotazzjonijiet**

Is-Sindku gibet l-attenzjoni li hemm bzonn jinxtara lap top fl-ufficcju tieghu. Is-Segretarja gabret tlett kwotazzjonijiet. Il-Kunsill ser jitlob parrir minghand persuna teknika u jintghazel l-aktar laptop vantaggjuz.

8. **Tmiem il-Laqgħa**

Il-Laqgħa spiccat fis-6:00p.m.

| | |
|---|---|
| Sue-Ellen Bugeja | Paul Azzopardi |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |